SANTA LUĊIJA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Data: 14 ta' Lulju 2017

B'referenza għall-Aġenda tal-Laqgħa numru 31-17 qed inressaq din il-mistoqsija għall-attenzjoni tas-Sindku:

Jiena nixtieq inkun naf kif bqajna fuq il flus li ġew approvati għall Europe for Citizens għall-Proġett Flows, peress xi jiem ilu bgħatli Angelo Ciochetti fuq *Messenger* jistaqsini kif bqajna fuq dan il progett, u r risposta tiegħi kienet li se nressaqa fil laqgħa tal Kunsill li jmiss fit-18 ta' Lulju 2017.

Joe Bonello — Isem u kunjom

IFFIRMATA — Firma

---

SANTA LUĊIJA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

### Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Data: 13 ta' Lulju 2017

B'referenza għall-Aġenda tal-Laqgħa numru 31-2017 qed inressaq din il-mistoqsija għall-attenzjoni tas-Sindku:

1. Jista is-Sindku jgħid min kienet il-persuna li għamlet it-talba sabiex tiġi miżbura s-siġra Pinus Meditteranea li hemm f' Pjazza 7 ta' Lulju.

2. Min ta l-approvazzjoni li dan ix -xogħol isir meta l-Kunsill jaf li din hija siġra protetta u li kien hemm bżonn il-permess tal-ERA.

3. Meta ħarget il-*works order*, u din il-*works order* kinetx awtorizzata mis-Segretarju Ezekuttiv , sabiex toħrog.

Qieghed nitlob wkoll li kopja tal-*works order* titpoġġa fuq il-mejda waqt il-laqgħa.

| | |
|---|---|
| Frederick Cutajar | IFFIRMATA |
| Isem u kunjom | Firma |

SANTA LUĊIJA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

### Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Data: 13 ta' Lulju 2017

B'referenza għall-Aġenda tal-Laqgħa numru 31-2017 qed inressaq din il-mistoqsija għall-attenzjoni tas-Sindku:

1. Nista nkun naf meta sejrin jitħadmu il-*drinking fountains* tal-Jogging Track. Naf li kien hemm xi problemi tekniċi u amministrattivi, biss issa naħseb għada żmien bizzejjed. Għaldaqstant nistaw inkunu nafu meta dawn sejrin ikunu qegħdin jaħdmu.

Frederick Cutajar
Isem u kunjom

IFFIRMATA
Firma

---

Kunsill Lokali - 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija
TEL: 21666600 E-mail: santalucija.lc@gov.mt

SANTA LUĊIJA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

### Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Data: 13 ta' Lulju 2017

B'referenza għall-Aġenda tal-Laqgħa numru 31-17 qed inressaq din il-mistoqsija għall-attenzjoni tas-Sindku:

1. Din is siġra li għadni kemm bgħat bħala stampa, li qegħda fi Triq Maria de Domenicis, li ilni snin inressaq fil-laqgħat tal-Kunsill sabiex tinżabar u nergaw intuha d-dinjita' li jistħoqqilha. Nixtieq inkun naf min ta l permess sabiex din is siġra tinżabar hekk, lura għall-2015 lejlet l elezzjoni tal Kunsilli Lokali?

2. Il-ħlas li kellna nagħmlu tal progett li sar din ix xitwa lill-għaqda Right2Smile li ħadet sehem sar, u jekk ma sarx, kemm ser idum biex isir?

3. Nerġa nirrepeti l-mistoqsija li ressaqt ix-xahar li għadda, kemm għandna fondi allokati sabiex naghmlu progetti?

| | |
|---|---|
| Liam Sciberras | <u>IFFIRMATA</u> |
| Isem u kunjom | Firma |

SANTA LUĊIJA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

### Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Data: 13 ta' Lulju 2017

B'referenza għall-Aġenda tal-Laqgħa numru 31-2017 qed inressaq din il-mistoqsija għall-attenzjoni tas-Sindku:

Għalkemm hemm deċizjoni ċara tal-Kunsill fil-minuti ta' waħda mill-laqgħat ta' din is-sena għat tneħħija tal-istrutturi li nbnew għall-presepju tal-Milied fl-i*Sculpture Garden*, dan sa llum il-ġurnata (qegħdin f'Lulju!) għadu ma sarx.

Jista s-Sindku jekk jogħġbu jinforma lill-Kunsill għalfejn dan għadu ma sarx? Kien hemm xi deċizjoni oħra li l-Kunsill ma jafx biha wara li ġie deċiż li għandu jsir *reinstatement* tal-i*Sculpture Garden?* U jekk le, għalfejn għadu ma sarx r-*reinstatement*? U allura jekk qed isir *reinstatement*, meta ser jitlesta?

Caroline Galea — IFFIRMATA

Isem u kunjom — Firma